# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 29 ta' Ottubru 2015

Rikors Guramentat Nru. 273 / 14RGM

Kawza fil-lista: 29

**A B**
**vs**
**C D;**
**E D f'isimha proprju u in rappreżentanza**
**tal-interessi tal-minuri F D; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-**attur A B** fil-5 ta' Dicembru 2014 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti kellu relazzjoni ma' E D u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri F D nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) u dan kif jidher mic-certifikat tat-twelid tal-minuri F D bin-numru ta' iskrizzjoni 71/2008;

2. Illi r-relazzjoni ta' l-esponenti ma' E D spiccat u sa kemm hija infurmat l-esponenti anke r-relazzjoni bejn E D u C D spiccat tant li l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni;

3. Illi ghalkemm il-minuri huwa wild naturali tal-attur A B, fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri bin-numru ta' iskrizzjoni 71/2008, huwa gie

rregistrat fuq il-konvenut C D bhala l-missier naturali tal-minuri u mhux l-attur A B li huwa l-missier naturali tal-minuri u dan kif jidher mir-rizultat tat-testijiet genetici;

4. Illi ghalhekk jehtieg li jsiru l-emendi necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri F D, li ghandu numru ta' iskrizzjoni 71/2008;

5. Illi din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datat 18 ta' Settembru, 2014 awtorizzat lill-attur rikorrent sabiex jipprocedi u jibda kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita' u dan ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li l-minuri F D mhux il-wild naturali tal-konvenut C D;

2. Tiddikjara illi l-minuri F D huwa fil-fatt il-wild naturali tal-Attur A B;

3. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-minuri F D li huwa iskritt bin-numru 71/2008 fil-kolonna fejn hemm indikat "missier it-tarbija" u li fil-prezent jindika "C D" jigu inseriti l-konnotati tal-attur rikorrenti A B, u cioe' isem u kunjom l-attur rikorrenti, il-professjoni jew sengha tieghu, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-attur rikorrenti kif ukoll isem u kunjom il-missier l-attur rikorrenti, u jekk huwiex haj jew mejjet u jekk ikun opportun f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-**Direttur tar-Registru Pubbliku** pprezentata fit-13 ta’ Jannar 2015 li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji.

2. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel t-talba attrici l-esponenti jistieden lir-rikorrent A B sabiex permezz ta’ nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament:

a. L-isem u l-kunjom,
b. Id-dokument tal-Identita,
c. L-eta tieghu meta twieled il-minuri F,
d. Il-post tat-twelid tieghu,
e. Il-post tal residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri,

f. Isem u kunjom tal missieru u
g. Jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel F.

3. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalrnent inseE fl-Atti tat-Twelid tal-imsernmi F bin-numru tal registrazzjoni 71 tas-sena 2008;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri F tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet tal Malta;

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Rat ir-risposta guramentata tal-**konvenut C D** pprezentata fit-23 ta' Marzu 2015 li taqra kif gej:-

1. Illi huwa ma jopponix ghat-talba attrici.

2. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza.

Rat in-nota tal-**konvenuta E D** pprezentata fil-25 ta' Marzu 2015 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici.

Rat u ezaminat il-provi mressqa.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**PROVI**.

L-attur xehed bil-mezz ta' affidavit:-[1]

*"Nghid illi jien kelli relazzjoni ma' E D liema relazzjoni kienet anke intima. Niftakar illi darba E kienet giet fuqi u qaltli li hija kienet tqila. Peress li dak iz-zmien E kienet ghadha mizzewwga mal-konvenut l-iehor C D jien ma kontx cert jekk it-tarbija kienetx tieghi jew le. Niftakar illi nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) twieldet it-tarbija li E kienet qed tistenna.*

[1] Fol. 25

*Niftakar illi jien u E konna ftehmna sabiex naghmlu it-test tal-paternita' fil-fatt konna morna jien, E u it-tifel F ghand Christopher Farrugia gewwa ir-Rabat fejn ttiehdu kampjuni tad-DNA. Nghid li mit-test li ghamilna irrizulta li il-minuri F huwa t-tifel tieghi.*

*Illi peress li E kienet ghadha mizzewga lil C D awtomatikament it-tifel gie registrat fuq il-konvenut C D u ghalhekk jien kelli naghmel din il-procedura.*

*Niddikjara illi l-minuri jaf li jien missieru u filfatt jien ikolli access mat-tifel tant illi ghandi relazzjoni sabiha mieghu."*

*Id-dikjarazzjoni tal-omm li l-attur ma hux il-missier bijologiku tal-minuri ghandha l-piz probatorju taghha u l-Qorti hija marbuta li tohodha in konsiderazzjoni fl-evelwazzjoni tal-kaz. Izda bhal kull kawza ohra, f'kawzi ta' din ix-xorta jehtieg li tingieb l-ahjar prova disponibbli. F'kawzi ta' denegata paternita' jew ta' filjazzjoni hafna drabi l-aqwa prova hija dik naxxenti mit-test tad-DNA."*

Xehed **Christopher Farrugia** dwar it-test tad-DNA:-[2]

*"...kont ipprelevajt kampjuni minn fuq il-persuni ta' A B, F D u E D. L-analizi kienet saret ghand Molecular World, il-Kanada. Dan huwa laboratorju akkreditat kif ghandhom ikunu l-prassi fic-cirkostanzi. Mir-rizultanzi irrizulta li A B ma jistax jigi eskluz milli hu l-missier naturali ta' F D, jigifieri l-probabilta' ta' 99.99 fil-mija illi huwa l-missier naturali ta' F D."*

Peress li l-minuri llum ghandha seba' snin il-Qorti innominat lil **Dr Stephanie Galea** bhala l-Avukat tal-Minuri sabiex tinghata vuci lil min l-ezitu tal-kawza odjerna l-aktar li ser jolqot ghal tul hajjitha kollha.

Dr Stephanie Galea pprezentat ir-rapport taghha fit-22 ta' Gunju 2015. Ir-rapport jaqra kif gej:-

"Illi l-esponenti giet nominata Avukat tat-Tfal fil-kawza fuq imsemmija, permezz ta' digriet datat 28 ta' Mejju 2015.

Illi l-esponenti ltaqghet mat-tifel minuri, cioe, ma' F li llum ghandu seba' snin. L-esponenti tkellmet mieghu wahdu, u mhux fil-prezenza ta' hadd.

Illi fil-prezent F jghix ma' ommu. Huwa konxju tal-fatt li C D mhux missieru, u li ghalhekk kunjomu mhux "D".

---

[2] Fol. 27

Illi F jaf li missieru huwa A B, u fil-fatt jiltaqa' ma' missieru xi darbtejn fil-gimgha. Huwa ghandu relazzjoni tajba ma' missieru.

Illi meta gie mistoqsi biex ighid il-kunjom tieghu, F qalli l-kunjom tieghu huwa B Catania, u spjega li dan il-kunjom huwa maghmul mill-kunjom ta' missieru mehmuz mal-kunjom ta' ommu.

KONKLUZJONI
Illi l-esponenti tikkonsidra li:-
Ser jigi ipprovat li F mhuwiex l-iben naturali ta' C D.

F jaf li missieru huwa A B.

F jiddikjara kunjomu bhala "B Catania".

F ghadu ta' eta zghira.

Ghalhekk l-esponenti hija tal-opinjoni li jkun hafna ahjar ghat-tifel jekk minflok jikber f'gidba u b'kunjom ragel li mhux missieru natura li, huwa jkollu l-kunjom ta' missieru naturali. L-esponenti taqbel ukoll li jkun hemm mehmuz il-kunjom ta' omm it-tifel, jigifieri kunjom it-tifel jigi "B Catania"."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

L-azzjoni attrici hija msejsa fuq **l-Artikolu 77 (b) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

**77.** *Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess:*

- *omissis* -

*(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx*

Necessarju ghalhekk illi jigi qabel xejn ezaminat l-artikolu 81 citat fl-artikolu 77:-

**81.** *(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.*

**Artikolu 77A tal-Kap 16.**

**77A.** *Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-missier naturali ta' tifel mwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-mara, ir-raġel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju miegħu u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel tagħha bħala l-missier naturali tat-tifel.*

Peress li l-artikolu 77 u 77A huma subordinati ghall-artikolu 81, isegwi illi jekk l-att tat-twelid juri li tifel jew tifla huwa imnissla jew imwielda matul iz-zwieg **U** <u>ghandhom il-pussess ta' stat ta' tifel jew tifla imnissla jew imwielda matul iz-zwieg</u>, allura **hadd**, lanqas l-istess tifel jew tifla, ma jistghu jadixxu lill-Qorti u jitolbu dikjazzjoni gudizzjarja li huma wild missier differenti mir-ragel ta' ommhom.  Meta jikkonkorri l-elementi kontemplati fl-artikolu 81, il-ligi nostrana taghti valur notevoli lill-pussess ta' stat ta' wild imwieled minn koppja mizzewga.

Necessarju ghalhekk jigi ezaminat f'hiex jikkonsisti il-pussess ta' stat ta' wild imnissel jew imwieled fiz-zwieg,  imsejjah fil-ligi taghna bhala "l-istat ta' iben legittimu".

**Artikolu 80 tal-Kap 16** intitolat "L-istat ta' iben legittimu huwa maghmul minn gabra ta' fatti" jipprovdi illi:-

**80.** *(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.*

*(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:*

*(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;*

*(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;*

*(ċ)* *illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;*

*(d)* *illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja.*

Ikkunsidrat;

Fil-kawza odjerna irrizulta sodisfacentement ippruvat illi l-minuri F D m'ghandux pussess ta' stat bhala iben C D. Ghaldaqstant l-attur ghandu d-dritt illi jressaq it-talbiet tieghu.

Peress li gie sodisfacentement ippruvat li l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri F, u peress illi irrizzulta li l-minuri ma jipposjediex stat konformi mal-att tat-twelid tieghu, it-talbiet attrici jimmeEw li jigu akkolti.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposti tal-konvenuti:

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba u tiddikjara illi l-minuri F D ma hux il-wild naturali tal-konvenut C D izda huwa l-wild naturali tal-attur A B.

2. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta b'dan illi l-minuri ghandu jkun maghruf bil-kunjom "B Catania" u jitnizzlu l-konnotati tal-attur kif jirrizultaw min-nota li tinstab a fol. 34 tal-process.

Bl-ispejjez kontra l-attur u l-konvenuta E D.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**